MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 643/2009

**Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Francis Cassar bin Emanuel u Dolores nee' Attard imwieled fid-19 ta' Settembru 1953 u residenti 14, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita' numru 58553(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Francis Cassar li gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Lulju 2009 ghal habta ta' 01:22 hrs f'Ghawdex bil-lejl ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal fenek selvagg b'uzu ta' dawl artificjali, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal fenek selvagg fuq raba jew art minghajr karta ta' registrazzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-pulizija bdew l-investigazzjonijiet fuq dana l-kaz wara rapport anonimu li rcevew dwar kacca tal-fenek selvagg. Illi l-persuna li ghamlet ir-rapport infurmathom illi l-persuni li kienu qed jikkaccjaw kellhom van pick-up kulur ahmar. Illi meta l-pulizija waslu fuq il-post indikat lilhom gewwa Wied l-Infern, huma osservaw van pick-up kulur griz bin-numru ta' registrazzjoni BBF748 fejn kien hemm tnejn minn nies, wiehed minnhom b'senter f'idu. In-nies li kienu gewwa dana l-vann, izda harbu minn fuq il-post x'hin il-pulizija waqqfithom. Illi ghalkemm il-pulizija u cioe' il-PS1233 John Attard u l-PC1027 Mario Casha segwew dana t-trukk izda wara xi distanza huma tilfuh. Wara dana l-pulizija regghu marru lura fit-triq minn fejn is-surgent Attard gabar tlett ifniek mejta bid-demm frisk fuqhom. Kif waslu San Lawrenz huma ltaqghu ma' certu Joseph Micallef li kien qieghed isuq jeep bajda bin-numru ta' registrazzjoni ABD872 u huma baqghu isegwuh sa ma wasal id-dar. Hemmhekk huma marru jhabbtulu fejn sabu lil huh, izda ftit wara hareg Micallef. Minn hawn il-pulizija elevaw zewg snieter u torch minn gol-garaxx. Fil-jeep ta' Micallef huma elevaw skartocc. Wara l-pulizija kellmu lill-imputat li huwa s-sid tal-vann pick-up bin-numru ta' registrazzjoni BBF748 fejn wara li gie debitament imwissi ammetta illi huwa kien qieghed fuq il-post u li kien harab mill-pulizija ghax beza'. Huwa izda ma jammettix li kien qieghed barra ghall-kacca.

Illi l-imputat jinsab akkuzat l-ewwelnett illi ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghall-fniek bl-uzu ta' dawl artificjali. Illi dina l-akkuza hija sekondarja ghall-akkuza l-ohra illi huwa ipprova jikkaccja jew ikkaccja fuq raba jew art minghajr karta ta' registrazzjoni.

Illi bir-rispett kollu lejn il-Prosekuzzjoni ma ngiebet l-ebda prova dwar jekk l-imputat ghandux karta ta’ registrazzjoni o meno. Ma hemm l-ebda xhud li jindika dan u lanqas jissemma xejn f’dana r-rigward mill-ufficjali tal-pulizija li xehdu f’dawn il-proceduri. Dana qed jinghad peress illi r-regolament 11(1)(e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.06 jipprovdi dwar il-mod kif ghandha tigi ezercitata l-kacca ghall-fenek selvagg:

e) matul l-istagun maghluq ghat-tehid u l-kacca tal-fenek selvagg, tiehu jew tipprova tiehu, bi kwalunkwe mezz, tikkaccja jew tipprova tikkaccja ghall-fenek selvagg:
**Izda fl-istagun miftuh ghat-tehid tal-fenek selvagg, tista’ tinhareg licenzja ghall-kacca lil wiehed li japplika u li jkollu karta ta’ registrazzjoni li turi li hu bidwi sabiex dan ikun jista’ jaghmel il-kacca tal-fenek selvagg fuq ir-raba’ tieghu stess, b’dan illi persuna li jkollha karta ta’ registrazzjoni ta’ bidwi tista’ tghaddi lil persuna ohra li tapplika, id-dritt taghha li taghmel il-kacca tal-fenek selvagg fuq ir-raba’ taghha;**

Illi dina l-prova ma saritx u ghalkemm il-Qorti tista’ tippresupponi illi l-art fejn gie intercettat l-imputat ma hijiex raba tieghu, izda ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika dan.

Illi anke dwar l-akkuza tad-dawl artificjali ghandu jinghad illi lanqas f’dana r-rigward ma tressqet prova illi l-imputat kien qieghed jaghmel uzu minn xi dawl artificjali kif sancit fir-regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq indikata. Illi d-dawl li nstab mill-pulizija gie misjub ghand Joseph Micallef fil-garaxx tieghu. Illi fl-ebda parti mix-xhieda tal-pulizija li investigaw dana l-kaz ma jirrizulta illi huma raw xi dawl artificjali meta accedew fuq il-post.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------